27 ta' Ġunju, 1950.

Imħallef:

L-Onor. Dr. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.

Carmela Borg *versus* Francesco Cremona et. (*)

**Senserija — "Prossenetico Nuziale" — Żwieġ — Sponsali.**

*Il-medjazzjoni f'materja ta' żwieġ hija megħtija, meta u fejn hija ammessa, lik min jintrometti ruħu biex jikkonkjudi għerusija, u b'rigward ta' l-importanza ta' l-opera prestata jew bħala rimunerazzjoni ta' l-inkommodi tiegħu.*

*Biex ikun hemm dritt għal din il-medjazzjoni, huwa meħtieġ illi l-interrent tal-medjatur ikun rikjest jew aċċettat, anki taċitament, u illi l-opera tiegħu tasal biex tlaqqa' iż-żwieġ.*

Il-Qorti, — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attriċi, wara ppremettiet illi hija kienet il-medjatriċi u pprestat il-ko-operazzjoni tagħha biex jiġi konkjuż iż-żwieġ bejn il-konvenuti; u illi dana ż-żwieġ ġie konkjuż, u fil-fatt il-konvenuti żżewġu fit-18 ta' Settembru 1949; u illi l-konvenuti rrifjutaw li jħallsu lill-attriċi l-kumpens lilha dovut għall-prestazzjonijiet tagħha; premessa kwalunkwe opportuna dikjarazzjoni u nogħ-

(*) Konfermata fl-Appell, 7. 5. '51.

*li kwalunkwe provvediment analogu*, talbet illi l-konvenuti jigu minn dina l-Qorti kundannati jħallsu lill-attriċi dik is-somma *lilha dovuta* għall-kooperazzjoni tagħha fil-konklużjoni taż-żwieġ li ġie ċelebrat bejn il-konvenuti. Bl-imgħax tal-5% fis-sena mid-data tan-notifika ta' dina ċ-ċitazzjoni sal-pagament effettiv, u bl-ispejjeż kontra l-konvenuti;

*Omissis;*

*Ikkunsidrat;*

Illi s-senserija jew kumpens li qiegħda titlob l-attriċi ma huwiex ħag'oħra ħlief il-"prossentico nuziale", imsemmi mill-interpreti tad-Dritt Ruman. Hekk jissemma minn Cujaccio (Recitationes solemnes ad L. I, Lib. XXIII, D. De Sponsal.; u ad L. V Cod. ad tit. II, si Rector Provinciae), minn Dionisio Gotofredo fl-annotazzjoni tal-Legge 3, Dig. L. 14, minn Voet (ad Pandectas XXXIII, I, 1), minn Zoesio (in Cod. Tit. I, L. V, quaest. VII); u huwa msemmi wkoll mill-Codice Giustinianeo (L. De Sponsalibus et archis sponsalitiis et proxeneticis);

Kif esprimiet ruħha l-Qorti ta' Venezja fis-sentenza "Lupati v. Soranzo" tat-13 ta' Diċembru 1898, "a perfezionare il diritto al prossenetico sono necessari due coefficienti, e cioè che l'intervento del mediatore sia richiesto od accettato, sia pure tacitamente, e che l'opera dell'intromittente abbia condotto i contraenti all''*in idem placitum consensus*' (Coen, voce Mediatore, para. 37)". Hekk ukoll Baudry-Lacantinerie (Delle Obbligazioni, Vol. I, para. 311), *igħid illi l-iskop immedjat li jipproponi li jirraġġunġi min jagħmel obligazzjoni* b'vantaġġ ta' aġent taż-żwieġ huwa dak "di giungere a *contrarre* matrimonio mediante le cure di questo, che si obbliga di preparare le vie ed i mezzi per ottenere tale risultato";

Għalhekk dina l-ispeċi ta' medjazzjoni tienet u għadha, meta u fejn hija ammessa, tiġi mogħtija lil min jintrometti *ruħu biex jikkonkjudi għerusija*, u b'rigward ta' l-importanza ta' l-opera prestata, jew bħala retribuzzjoni ta' l-inkomodi tiegħu. "L'obbligazione che si contrae verso l'agente ha per causa l'obbligazione che esso contrae da parte sua, mediante salario, di procurare al suo cliente gli incontri, gli abbocca-

menti di cui questi abbisogna'' (Baudry-Lacantinerie, loc. ċit.);

Illi mix-xhieda stess ta' l-attriċi jidher li hija ma intervenietx u ma pprestat ebda opera, u lanqas kellha xi inkommodu. Fil-kontro-eżami hija qalet (fol. 23 tergo) li fix-xogħol tagħha hija ma griet imkien; kienu l-konvenuti li kienu jmorru għandha jħallu risposti lil xulxin. Irriżulta li hija ma għamletx ħag'oħra ħlief darba tat risposta lill-konvenut mill-konvenuta biex jekk irid imur ikellimha r-Raħal Ġdid. Ma kienetx hi li pprokurat dak l-inkontru; hija ma ikkondu-ċietx lill-konvenuti għall ''in idem placitum consensus''.......;

Illi ġie ppruvat ukoll li l-attriċi pjuttost fixklet, għad li forsi mhux volontarjament, l-għerusija bejn il-konvenuti.......;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiddeċidi billi tiċħad it-talba ta' l-attriċi; bl-ispejjeż.